

31990L0533

L 296/63

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

27.10.1990

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tal-15 ta' Ottubru 1990

li temenda l-Anness għad-Direttiva 79/117/KEE li jipprojbixxi t-tpoġġija fuq is-suq u l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni li jkun fihom ċerti sustanzi attivi

(90/533/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 79/117/KEE tal-21 ta' Diċembru 1978 li ttipprojbixxi t-tpoġġija fuq is-suq u l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li jkun fihom ċerti sustanzi attivi⁽¹⁾, kif l-aħħar emendata permezz tad-Direttiva 89/365/KEE⁽²⁾, u b'mod partikulari l-Artikolu 6(3) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi d-Direttiva 79/117/KEE tipprovdi għall-kontenut ta' l-Anness għal dik id-Direttiva li għandu jkun emendat regolarment sabie x b'mod regolari jittieħed kont ta' l-iżviluppi fl-għarfien xjentifiku u tekniku;

Billi għe stabbilit li l-użu tad-*dinoseb*, l-aċetat u l-imluħ tiegħu fil-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti x'aktarx joħlqu effetti ħżiena fuq is-saħħa tal-bniedem u ta' l-annimali kif ukoll influwenza ħżina mhux raġonevoli fuq l-ambjent;

Billi għe stabbilit ukoll li l-użi tal-*binapacryl* u l-kaptafol fil-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti x'aktarx joħlqu effetti ħżiena fuq is-saħħa tal-bniedem u ta' l-annimali;

Billi għe stabbilit ukoll li l-użu tad-dikofol, l-idrażidu maleiku u l-kwintożin li ma' jħarsux ċerti kriterji ta' purezza x'aktarx joħlqu effetti ħżiena fuq is-saħħa tal-bniedem u tal-annimali kif ukoll influwenza ħżina ħafna fuq l-ambjent;

Billi, minħabba l-istat preżenti ta' l-armonizzazzjoni b'mod konformi mad-Direttiva 79/117/KEE, l-Istati Membri jistgħu jipprojbixxu t-tpoġġija fuq is-suq, u l-użu, ta' sustanzi attivi mhux elenkati fl-Anness għad-Direttiva, jew ta' sustanzi attivi b'livell ta' purezza ogħla mill-livell li ssir riferenza għalih f'dik id-Direttiva, sakemm id-dispożizzjonijiet tat-Trattat kif ukoll il-prinċipji ġenerali tal-liġi, u b'mod partikulari l-prinċipji tan-nondiskriminazzjoni u l-proporzjonalita, ikunu mħarsa stretta-

ment;

Billi l-Anness għad-Direttiva 79/117/KEE għandu għalhekk jiġi supplementat,

Artikolu 1

L-Anness għad-Direttiva 79/117/KEE huwa permezz ta' din id-Direttiva emendat biż-żieda ta' d-dħul li ġejjin għal "Ċ. Komposti oħra":

5. Id-*Dinoseb*, l-aċetat u u l-imluħ tiegħu
6. Il-*Binapacryl*
7. Il-kaptafol
8. Id-Dikofol li jkun fih anqas minn 78 % tal-p.p.¹ — dikofol jew aktar minn 1 g/kg DDT u komposti relatati mad-DDT
9. (a) L-idrażidu maleiku u u l-imluħ tiegħu, bl-eċċezzjoni tal-kolin tiegħu, il-potassju u l-imluħ tas-sodju;
- (b) Il-kolin, l-imluħ tal-potassju u tas-sodju tal-idrażidu maleiku li jkunu fihom aktar minn 1 mg/kg ta' idrażin ħieles espress fuq il-bażi ta' l-ekwivalent ta' l-aċtu
10. Il-kwintożin li jkunu fih aktar minn 1 g/kg ta' HCB jew aktar minn 10 g/kg ta' pentaklorobenżin

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, irregolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabie x iħarsu din id-Direttiva mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 1991 għall-kompost li ssir riferenza għalih taħt 8 ta' l-intestatura Ċ ta' l-Anness għad-Direttiva 79/117/KEE, kif emendata permezz ta' din id-Direttiva, u l-31 ta' Diċembru 1990 għall-komposti l-oħra. Huma għandhom jinfurmaw b'dan lill-Kummissjoni minnufih.

Artikolu 3

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fil-Lussemburgu, fil-15 ta' Ottubru 1990.

F'isem il-Kunsill

Il-President

V. SACCOMANDI

⁽¹⁾ ĠU L 33, tat-8.2.1979, p. 36.

⁽²⁾ ĠU L 159, ta' l-10.6.1989, p. 58.